32003D0915

L 345/150 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 31.12.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-22 ta' Diċembru 2003

## dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' Ftehim bilaterali bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar il-kummerċ fi prodotti tessili

(2003/915/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 133, flimkien ma' Artikolu 300(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni negozjat għan-nom tal-Komunità Ftehim bilaterali li jestendi għal sena l-Ftehim bilaterali eżistenti u protokolli dwar il-kummerċ fi prodotti tessili mar-Repubblika tal-Belarus, b'limiti kwantitattivi aġġustati sabiex jieħdu kont ta' rati ta' tkabbir annwali u tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Soġġett għall-konklużjoni possibbli tagħhom f'data iktar tard, il-Ftehim bilaterali għandu jiġi firmat għan-nom tal-Komunità.

(3) Il-Ftehim bilaterali għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Jannar 2004, fl-istennija tal-kompletazzjoni ta' proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tagħhom, soġġett għall-applikazzjoni reċiproka proviżorja mir-Repubblika tal-Belarus,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Soġġett għal konklużjoni possibbli f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jaħtar il-persuni mogħtija s-setgħa biex jiffirmaw għan-nom tal-Komunità Ewropea il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Belarus dwar kummerċ fi prodotti tessili mogħti bidu fi Brussel fl-1 ta' April 1993, kif l-aħħar emendat permezz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri mogħti bidu fil-11 ta' Novembru 1999 ("il-Ftehim bilaterali").

*Artikolu 2*

Il-Ftehim bilaterali għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, fl-istennija tal-konklużjoni formali tiegħu u soġġett għal applikazzjoni reċiproka proviżorja tal-Ftehim bilaterali mir-Repubblika tal-Belarus ([1]), mill-1 ta' Jannar 2004.

It-test tal-Ftehim bilaterali huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

1. Fil-każ li l-Belarus jonqos li jissodisfa l-obbligi tiegħu taħt il-paragrafu 2.5 tal-Ftehim bilaterali, l-kwota għall-2004 titnaqqas għal-livelli applikabbli fl-2003.

2. Id-Deċiżjoni għall-implimentazzjoni tal-paragrafu 1 għandha tittieħed skond il-proċeduri msemmija f'Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3030/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 dwar regoli komuni għal importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tessili minn pajjiżi terzi ([2]).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. ALEMANNO

---

([1]) Id-Data li minnha l-applikazzjoni proviżorja tkun effettiva tiġi pubblikata fil-*Gurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, serje K.

([2]) ĠU L 275, tat-8.11.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 138/2003 (ĠU L 23, tat-28.1.2003, p. 1).